# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 239/19/2 AF**

**Patrick Spiteri**

**v.**

**Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża li ta l-attur b'rikors preżentat fit-22 ta' Ġunju 2022.

1. B'rikors preżentat fit-3 ta' Mejju 2022 wara s-sentenza ta' din il-Qorti li ngħatat fit-30 ta' Marzu 2022 fil-kawża Patrick Spiteri v. Avukat Ġenerali et (239/2019/1), l-attur beda proċeduri għar-ritrattazzjoni tal-kawża u talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"...... tirrixxindi u tħassar s-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Marzu 2022 u dan minħabba li vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' malta; u tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skond il-liġi, u referenza lill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja dwar il-punti ta' dritt Ewropew imqajma f'dan ir-rikors"*.

2. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu fil-25 ta' Mejju 2022 u taw eċċezzjoni li r-rikors hu null għaliex ma jeżistix jedd ta' ritrattazzjoni wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Imbagħad għamlu l-argumenti tagħhom dwar il-meritu tar-rikors tal-attur.

3. Sussegwentement, b'rikors preżentat fit-22 ta' Ġunju 2022 l-attur talab ir-rikuża tal-imħallfin li qegħdin jippresjedu f'dawn il-proċeduri, peress li kienu l-istess imħallfin li kienu jippresjedu din il-Qorti li fit-30 ta' Marzu 2022 tat is-sentenza, li f'dawn il-proċeduri qiegħed jintalab ir-revoka tagħha minħabba r-raġunijiet li jissemmew fl-Art. 811(e) u (l) tal-Kap. 12.

4. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

5. Fil-meritu l-attur qiegħed jilmenta li din il-Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata ta' liġi u ta' fatt meta tat is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, u għalhekk talab ir-revoka tas-sentenza li tat din il-Qorti (Art. 811(e) u (l) tal-Kap. 12). Fir-rigward tal-iżball tal-liġi, l-attur isostni li din il-Qorti m'applikatx il-prinċipju tas-supremazija tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Liġi li

qal li teżiġi li l-mandat ta' arrest ewropew ikun separat u distint minn mandat maħruġ taħt il-liġi ordinarja.

6. Id-difensur tal-attur għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-kawża Patrick Spiteri v. L-Avukat tal-Istat (rikors 151/2019) tat-28 ta' April, 2022. F'dik il-kawża l-istess attur ilmenta minn ksur ta' jedd għal smigħ xieraq għaliex tnejn mill-imħallfin li ppresjedew il-Qorti tal-Appell fil-kawża ta' ritrattazzjoni (Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri 55/2009/2) u li tat id-deċiżjonijiet tat-30 ta' Novembru 2012 u tal-31 ta' Mejju 2013, kienu membri tal-Qorti tal-Appell li tat is-sentenza mpunjata fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni. B'sentenza tat-28 ta' April 2022 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet li dak il-fatt wassal sabiex l-attur sofra min-nuqqas ta' smigħ xieraq (Art. 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni), u ordnat li jsir is-smigħ mill-ġdid quddiem Qorti tal-Appell diversament komposta tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

7. F'dak il-każ id-deċiżjonijiet li ngħataw fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni kienu dwar:

i. Eċċezzjoni ta' rikuża li qajjem l-attur dwar uħud mill-imħallfin (eċċezzjoni miċħuda b'deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2012);

ii. Eċċezzjoni preliminari li ritrattazzjoni ta' kawża tista' tintalab biss wara sentenza finali (eċċezzjoni milqugħa b'deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2013);

8. Ma jirriżultax li sar appell mis-sentenza tat-28 ta' April 2022.

9. Għal dak li jirrigwarda l-meritu tar-rikors għar-ritrattazzjoni tal-kawża, hi ġurisprudenza stabbilita li fejn hemm proċeduri ta' ritrattazzjoni a bażi tal-Art. 811(e) tal-Kap 12, dawk il-proċeduri m'għandhomx isiru quddiem l-istess jew uħud mill-istess imħallfin li jkunu ippresjedew fil-Qorti li tat is-sentenza mpunjata. Għalhekk it-talba tal-attur hi ġustifikata b'referenza għall-meritu tal-kawża ta' ritrattazzjoni.

10. Għalhekk l-uniku kwistjoni li fadal hi jekk għandhiex tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża f'dan l-istadju fejn hemm eċċezzjoni preliminari ta' nullita` tar-rikors tal-attur (fol. 810). Eċċezzjoni li dwarha l-imħallfin li qegħdin jippresjedu l-qorti ma esprimewx xi fehma.

11. Madankollu peress li kawża ta' ritrattazzjoni hi waħda, tqis li jkun opportun li l-proċess jinstema' mill-bidu sal-aħħar quddiem l-istess imħallfin. Wara kollox din il-kawża ta' ritrattazzjoni saret mill-attur proprju sabiex jimpunja s-sentenza li din il-Qorti kif presjeduta tat fit-30 ta' Marzu 2022 minħabba li qiegħed jallega wkoll li sar żball ta' liġi (Art. 811(e) tal-

Kap. 12). Għalhekk ikun xieraq ukoll li eċċezzjoni preliminari f'dik l-istess proċedura tiġi deċiża minn dik il-qorti presjeduta minn imħallfin li ma kinux involuti fis-smigħ tal-appell fil-kawża Patrick Spiteri v. Avukat Ġenerali et (rikors 239/2019/1).

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-imħallfin li ngħatat mill-attur. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr